MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 441/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Rita Massa**
**ID. 855250M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€261.54) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40072925 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Dehret il-konvenuta Rita Massa li ammettiet it-talba kif dedotta. Titlob pero illi l-ammont jithallas permezz ta' rati mensili.

In vista ta' din l-ammissjoni t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont mitejn u wiehed u sittin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€261.54) bir-rata mensili ta' tletin ewro (€30), b'dan pero illi kemm il-darba tonqos milli thallsu zewg skadenzi konsekuttivi allura l-bilanc li jkun fadal ikun dovut fl-intier tieghu u jintilef il-beneficcju li jithallas fix-xahar.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament finali.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta. Bl-ewwel pagament ikun fis-7 ta' Awissu, 2015.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------